MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Numru 33/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Mario Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 33 tas-sena 2010 kontra l-akkużat Mario Azzopardi [detentur tal-karta tal-identita` numru 480149M] li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi meta Omissis 1 kienet tifla zghira ta' hdax (11) –il sena kienet tmur ta' spiss, ghand l-akkuzat Mario Azzopardi, maghruf bil-laqam s-Sufu, biex ikun jista jghallimha idoqq il-kitarra. L-akkuzat Mario Azzopardi kien ihajjar lill Omissis 1 tmur f'residenza l-Bormla bl-iskuza biex titghallem il-kitarra. Darba minnhom, fis-sajf, f'Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005) u fix-xhur u z-zmien ta' qabel, l-akkuzat talab lil Omissis 1 tidhol f'go kamra ohra fl-istess residenza, nezzalgha l-hwejjeg taghha, tefghaha fuq is-

sodda fil-prezenza ta’ Omissis 2, minuri ta’ tlettax (13) –il sena u bl-assistenza ta’ Omissis 2 kellu kongungiment karnali maghha kontra l-volontà taghha. Omissis 1, li dak iz-zmien kellha biss hdax (11) il-sena, ftit li xejn setghet toffri rezistenza, kienet imbezzgha u l-akkuzat qalilha li jekk titkellem u tigzah hi tispicca l-abbatija, post li Omissis 1 kienet tibza minnu.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Mario Azzopardi sar hati ta’ stupru vjolenti aggravat, u cioè talli, b’diversi atti, fi zmien partikolari u maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor; b’dan li d-delitt sar minn persuna li fl-ezekuzzjoni tad-delitt gie mghejjun minn persuna ohra, fil-prezenza ta’ minuri ohra li setghet tara u tisma’ dak li kien qieghed jigri, u l-persuna li fuqha sar l-istupru ma kinitx ghalqet l-età ta’ tnax (12) il-sena.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Mario Azzopardi talli kkommetta stupru vjolenti aggravat, u cioè talli, b’diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor; b’dan li d-delitt sar minn persuna li fl-ezekuzzjoni tad-delitt gie mghejjun minn persuna ohra, fil-prezenza ta’ minuri ohra li setghet tara u tisma dak li kien qieghed jigri, u l-persuna li fuqha sar l-istupru ma kienitx ghalqet l-età ta’ tnax (12) –il sena; talab li jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija minn erba’ (4) snin sa tnax (12) –il sena, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 31, 198, 201(a)(b), 202(d)(i), 382A, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skont il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi indikati fl-ewwel kap ta’ dan l-att ta’ l-akkuza, u cioè fis-sajf, f’Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005) u fix-xhur u z-zmien ta’ qabel, l-akkuzat Mario Azzopardi kien jistieden lill Omissis 1 ta’ hdax (11) il-sena, lill Omissis 2 ta’ tlettax (13) il-sena u lill Omissis 3 ta’ tlettax (13) il-sena gewwa residenzi il-Bormla u l-Birgu

bil-premessa li jghallihom idoqqu l-kitarra. Illi fil-fatt, l-akkuzat Mario Azzopardi kien jaghmel hekk sabiex ikun jista jikkorrompi lill-minuri b'diversi atti zienja ohra u dan apparti l-kongungiment karnali li kellu ma Omissis 1. F'izjed minn okkazzjoni wahda l-akkuzat kien igieghelhom jinzghu gharwenin, jimmasturbhom u jmissilhom il-parti privata taghhom b'idejh u ssir diskors sesswali maghhom. L-akkuzat kien jinzgha gharwien u ggieghel lill minuri imissu l-parti privata tieghu. Meta kien issir hekk, l-akkuzat diversi drabi kien jeggacola quddiem il-minuri. Illi apparti dawn l-atti, l-akkuzat kien anke juri lill minuri filmati pornografici u oxxenni. Illi dawn l-atti oxxeni u moqzieza kienu issiru kemm fuq il-minuri kif ukoll fil-prezenza ta' xulxin.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Mario Azzopardi sar hati ta' korruzzjoni aggravata ta' tfal ta' taht l-età, u cioè talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'ghemil zieni ikkorrompa persuni ta' taht l-età, tas-sess l-wiehed jew l-iehor; b'dan li d-delitt sar bi vjolenza, theddid jew qerq, bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-età ta' tnax -il sena u minn persuna li imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Mario Azzopardi talli kkommetta korruzzjoni aggravata ta' tifla ta' taht l-età, u cioè talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'eghmil zieni ikkorrompa persuna ta' taht l-età, tas-sess l-wiehed jew l-iehor; b'dan li d-delitt sar bi vjolenza, theddid jew qerq, bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-età ta' tnax -il sena u minn persuna li imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom; talab li jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn hames (5) snin sa tnax (12) il-sena, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 18, 31, 203(1)(a)(b)(c), 382A, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi indikati fl-ewwel u fit-tieni kap ta' dan l-att ta' l-akkuza, u cioè fis-sajf, f'Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005) u fix-xhur u z-zmien ta' qabel, l-akkuzat Mario Azzopardi apparti li kellu kongungiment karnali, kien ghamel atti sesswali u oxxeni ripetutament ma tfal zghar fuq il-persuna taghhom u fil-presenza taghhom lill minuri Omissis 1, Omissis 2 u Omissis 3, u dan diversi drabi kif spjegat. F'dan il-perijodu l-akkuzat kien izzomm lill minuri illegalment u kontra r-rieda u l-volonta' taghhom arrestati, mizmuma jew issekwestrati gewwa r-residenza tieghu, sabiex ikun jista jaghmel l-atti illegali u zienja hekk kif deskriti f'din l-att ta' l-akkuza b'abbuz sfaccat tad-dmirijiet tieghu. Illi l-akkuzat zamm lill-minuri arrestati, mizmuma u ssekwestrati diversi drabi fuq diversi okkazjonijiet bl-iskop li huma jigu soġġetti għall-aġir abussiv u sesswali għall-aħħar ta' l-akkuzat fil-konfront tagħhom, liema aġir indubjament ma kienx mixtieq jew mitlub minnhom u dan speċjament meta wieħed iqis l-eta' tenera tagħhom, il-biza li kellhom minnu, kif ukoll in-natura gravi tal-atti li kienu qed jissubixxu minnu.

Illi b'għemilu l-imsemmi Mario Azzopardi sar ħati talli f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil minuri, Omissis 1, Omissis 2 u Omissis 3 kontra l-volonta' tagħhom, jew ta l-post biex fiħ il-minuri jigu arrestati, miżmuma jew issekwestrata b'dan li id-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, il-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata tkun giet offiza fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt, u d-delitt ikun sar fuq xi persuna minn dawk imsemmija fl-artikolu 202(h) tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Mario Azzopardi, ħati talli, f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil minuri kontra l-volonta` tagħhom, jew ta l-post biex fiħ il-minuri jigu arrestati, miżmuma jew issekwestrati b'dan li id-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, il-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata tkun giet offiza fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt, u d-delitt ikun sar fuq xi persuna minn dawk imsemmija fl-artikolu 202(h) tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta; talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sitt (6) snin sa tnax (12) il-sena skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 18, 31, 86, 87(1)(g), 202(h)(vii), 382A, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Illi l-Prosekuzzjoni waqt is-smiegh tal-guri, irtirat kull referenza ghal artikolu 202(h).

Rat il-verdett tal-gurati tat-12 ta' Jannar, 2013, li bih :

Bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lill-Mario Azzopardi mhux hati skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.

B'seba` (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lil Mario Azzopardi hati talli kkommetta korruzzjoni aggravata ta' tifla ta' taht l-eta` u cioe` talli b'diversi atti fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda b'ghemil zieni kkorrompa persuna ta' taht l-eta`, tas-sess il-wiehed jew l-iehor b'dan li d-delitt sar bi vjolenza, theddid jew qerq jew bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta` ta' tnax-il sena u minn persuna li mqar jekk ghal xi

zmien tkun giet fdata il-minuri sabiex jiehu hsiebhom, jedukhom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom.

B’seba` (7) voti favur u b’zewg (2) voti kontra sabu lil Mario Azzopardi mhux hati skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara għalhekk lill-akkuzat Mario Azzopardi ħati talli :

1. f’Awissu tas-sena 2005 u fix-xhur u z-zmien ta’ qabel, kkommetta korruzzjoni aggravata ta’ tifla ta’ taht l-età, u cioè talli, b’diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’eghmil zieni ikkorrompa persuna ta’ taht l-età, tas-sess l-wiehed jew l-iehor; b’dan li d-delitt sar bi vjolenza, theddid jew qerq, bi hsara ta’ persuna li ma ghalqitx l-età ta’ tnax -il sena u minn persuna li imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża;

2. Tilliberah mill-Ewwel Kap u mit- Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża.

Illi semgħet lid-Direttur tal-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin jixhed li l-ħati huwa persuna li tieħu sehem attiv fi kwalunkwe sports li jkun hemm fil-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Huwa jipparteċipa wkoll fl-attivitajiet kulturali li jsiru, jieħu ħsieb il-kappella u huwa bniedem eżemplari. Barra dan jgħallem il sħabu jdoqqu l-kitarra.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Leslie Cuschieri li kienu dawn li ġejjin:

(1) Li l-artikoli 382A u 412C m’għandhomx japplikaw għall-każ ta’ llum għax issa għadda ħafna żmien minn meta saru l-atti u l-ħati irriforma ruħu mal-ewwel kif wera waqt ix-xhieda tiegħu stess.

(2) Li l-ispejjeż skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 m'għandhomx jitħallsu għax dawn għandhom jitħallsu meta l-proceduri jsiru ex-officio.

(3) Li Omissis 2 qalet illi, li kien għaliha, il-proċeduri waqfu. Għalhekk il-kwerela kienet qed tiġi taċitament imneħħija.

(4) Li kien impossibbli għall-ħati li jagħmel ammissjoni bikrija minħabba r-reat ta' stupru li kien addebitat lilu u li l-ġurija ma sabitux ħati tiegħu.

(5) Illi l-ġurati ma kellhomx f'moħħhom lil Omissis 1 huma u jsibu ħtija dwar it-tieni kap.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja li kienu senjatament dan li ġej:

(1) Illi l-vot tal-verdett huwa ta' 7 kontra 2.

(2) Illi hemm pluralita' ta' vittmi

(3) Illi dwar ir-reat kontinwat huwa rrefera ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fit- 13 ta' Novembru, 2012, b'mod partikolari dwar it-trapass ta' zmien bejn l-atti fuq Omissis 2 u Omissis 3 u Omissis 1. Dan kien hemm episodji differenti u zminijiet differenti u suggetti passivi differenti. Ghalhekk jista' ma jkunx hemm l- istess intenzjoni minhabba li ghadda certa zmien bejn l-atti differenti.

(4) Illi l-proceduri saru ex officio u wiehed mill-kapijiet kien dwar l-arrest illegali li ma ghandux bzonn xi kwerela ta' xi parti.

(5) Illi minhabba s-sensitivita' ta' l-atti l-artikoli 382A u 412C ghandhom japplikaw ghal dawn il-proceduri u mhux jithallew barra.

Ikkonsidrat

Hija u tikkonsidra l-piena l-Qorti ser tikkonsidra dan li ġej:

**Dwar is-sottomissjonijiet tad-Difiża :**

1, Illi dwar l-inkluzjoni tal-artikoli 382A u 412C il-Qorti tinnota li fil-kodici kriminali dawn jidhru bhala atti li ghandha taghmilhom il-Qorti tal-Magistrati ghaliex iz-zewg artikoli jaqghu taht it-titolu li ghandu x' jaqsam mal-Qorti tal-Magistrati. Ghalhekk qed taghti ragun lid-Difiza izda ma jfissirx li l-Qorti mhux ser tiehu mizura ohra.

2, Illi dwar l-ispejjez galadarba l-pulizija ghamlu l-proceduri ex officio, dan ifisser illi l-ispejjez iridu jithallsu skont l-artikolu 533.

3, Dwar il-kwerela, skont l-artikolu 542 tal-Kap 9 l-axxendent seta' jaghmel din il-kwerela ghal Omissis 2. L-axxendent qatt ma esprimiet xi xewqa li tnehhi l-kwerela. Huwa min jaghmel il-kwerela li jrid inehhiha. L-axxendent xehdet u ma ghamlet ebda accenn quddiem din il-Qorti li riedet tnehhi l-kwerela. Pjuttost xehdet b' certa rabja. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' din is-sottomissjoni tad-Difiza.

4. Il-Qorti tifhem din is-sitwazzjoni u ser izzommha f' mohhha hija u timponi l-piena.

5. Il-Qorti tinnota li l-gurati hallew option dwar l-ewwel u t-tieni gravanti izda mponew l-ahhar gravanti fuq kulhadd.

**Dwar is-Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u Konsiderazzjonijiet Oħra tal-Qorti**

1. Li meta l-vot mhux unanimu l-Qorti tista' ma taghtix il-massimu izda l-vot mhux il-minimu li jista' jigi registrat.

2. Dan huwa veru ghax hemm aktar minn vittma wahda nvoluta.

3. Is-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 18 bit-trapass ta' zmien qed tkun ikkunsiderata a favur tal-akkuzat. Wara kollox dan l-artikolu huwa fakoltattiv.

4. Dwar dan il-Qorti diga' provdiet aktar 'il fuq.

5. Dwar dan il-Qorti diga' pronunzjat ruhha aktar 'il fuq u minflok ser tordna li isem il-hati jitnizzel fil-ktieb li hemm provdut ghalih fil-kap li ghandu x' jaqsam mal-protezzjoni tal-minorenni.

Konsiderazzjonijiet oħra.

Min-naħa l-waħda l-Qorti qed tara bniedem li sar konxju tal-iżball tiegħu u li llum m'hu qed tikun ta' ebda problema fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin anzi huwa bniedem eżemplari. Il-fedina penali tiegħu mhix xi waħda mgħobbija u jirriżulta li ċerta reati jew kontravenzjonijiet saru fil-passat remot.

Min-naħa l-oħra, qed tikkonsidra wkoll li l-atti li saru kienu ħżiena u ta' detriment għal min għadu żgħir. Jekk titqies l-eta' ta' 13-il sena ta' tnejn mit-tfal diġa' hemm fuqhiex wieħed jinkwieta. Ma hemm ebda skuża għal dak li sar. Ukoll jekk jittiehed il-minimu, żgur li fuq tnejn minnhom l-att sar aktar minn darba. Il-ħati sogħbih ta' dak li kien għamel, għaliex skont dak li qal hu stess, f'daqqa waħda rrealizza li kellu jieqaf. Imma dan ma jneħħi xejn mis-serjeta' ta' dawn l-atti f'soċjeta' li jrid ikollha moħħha mistrieħ li t-tfal huma protetti ġaladarba jixirfu barra minn darhom. Fuq kollox hemm żewġ gravanti – wieħed huwa għażla bejn (a) u (b) tal-proviso tas-subinċiż (1) tal-artikolu 203 u l-ieħor huwa s-subinċiż (ċ).

**Konklużjoni**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31, 86, 87(1)(c)(g)(h), 88, 198, 201(a)(b), 202(d), 203(1)(a)(b)(c),

u 533 tal-Kodici Kriminali qed tikkundanna lill-ħati **Mario Azzopardi** għall-piena ta' 6 snin priġunerija - kif ukoll tikkundannah iħallas is-somma ta' tmien mija w wieħed u tmenin Ewro u sbatax-il-Ewro centezmi (€881.17) rappreżentanti l-ispejjez totali tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Tordna wkoll li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien sitt xhur mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Tordna li l-isem tal-hati jkun inkluz fil-lista ta' pedofoli ai termini tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------